# Il-Ħadd 03.05.2015

1. Illum 03/05, **il-Ħames Ħadd tal-Għid**:
   - Fl-10:00am ikollna Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 04/05: Triq Mikelanġ Busuttil, Triq il-Kaċċaturi, Triq il-Ħlantun
   - It-Tlieta 05/05: Triq San Ġorġ
   - L-Erbgħa 06/05: Triq Ananija, Triq Piju Zammit, Triq Stiefnu Erardi, Triq il-Palma
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 08/05: Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Tal-Ajżar.

3. Il-Ġimgħa 08/05:
   **AM - Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**:
   - Fil-11:15am ikun hawn Ružarju.
   - Fil-11:30am, Quddiesa li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna
     u tingħata il-Barka Sagramentali

   **PM - Festa ta' San Ġorġ Preca**:
   - Fis-6:30pm, Quddiesa animata mill-membri tal-MUSEUM.

4. Is-Sibt 09/05:
   - Fis-6:30pm, Quddiesa fl-Awditorjum tad-Dar Ġenerali tal-MUSEUM, fil-Blata l-Bajda.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja arċipretali ta' Santa Marija Assunta tal-Mosta.

5. Il-Ħadd 10/05, **is-Sitt Ħadd tal-Għid – *Jum l-Omm***:
   - Fis-6:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

6. Il-Ħamis 14/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa li fiha ikollna Quddiesa u nżuru l-Laboratorju tal-*Atelier del Restauro* fil-Mosta fejn inkunu nistgħu nosservaw il-proċess ta' restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem mingħand il-helpers.
   - **N.B.** Fin-niċċa ta' San Pawl qed jiġu esibiti d-dijadema u s-sejf tal-fidda flimkien mal-fjuretti u l-girlanda tal-ganutell li għadhom kif ġew restawrati. Waqt li nistednukom tagħtu titwila għas-sodisfazzjon tagħkom, nappella wkoll biex fil-jiem li ġejjin tkunu ġeneruži fid-donazzjonijiet finanzjarji tagħkom ħalli l-proġett ta' San Pawl nkunu nistgħu ngħidu li qed noqorbu sew biex niġbruh.

7. Avviżi oħra:
   - Monsinjur Arċisqof wera x-xewqa li matul ix-xahar ta' Mejju, iddedikat b'mod speċjali lil Ommna Marija, ir-Ružarju li jingħad kuljum isir b'dawn l-intenzjonijiet:
     - biex tinstab soluzzjoni ġusta għat-tbatija tal-immigranti li qed ifittxu kenn fl-Ewropa;
     - biex jieqfu l-persekuzzjonijiet reliġjuži, speċjalment kontra l-Insara; u
     - biex ikun hawn il-paċi fil-pajjiżi kollha tad-dinja, b'mod speċjali fl-Afrika.
   - B'sinjal ta' solidarjetà ma' ħutna li tilfu lil nieshom u djarhom kawża tat-terremot fin-Nepal, ġewwa l-Indja, l-Isqfijiet Maltin qed jagħmlulna sejħa biex nitolbu għalihom u ngħinuhom. Kull min jixtieq jagħmel għotja b'risq dawn ħutna jista' jagħmel dan billi jgħaddiha lili jew inkella jwassalha personalment lill-CARITAS jew jibagħat cheque indirizzat CARITAS MALTA EMERGENCY FUND. Aktar dettalji fuq in-Notice Boards.